## Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta

# Rapport Annwali 2014

## Jannar–Diċembru 2014

### Introduzzjoni

Dan ir-rapport annwali, li tħejja mill-Kunsill tal-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta ("il-Kunsill") dwar ix-xogħol u l-attivitajiet tiegħu, ikopri l-perjodu minn Jannar sa Diċembru 2014, l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu li jkopri sena kalendarja. Dan wara deċiżjoni li ttieħdet mill-Kunsill waqt laqgħa tiegħu miżmuma fl-2013.

Matul l-2014, il-membri tal-Kunsill kellhom diskussjonijiet bejniethom kemm b'posta elettronika, kif ukoll permezz ta' *video conference* li saret f'Marzu u l-laqgħa annwali li saret f'Ottubru. L-aġenda għal dawn iż-żewġ laqgħat kienet ġiet deċiża mill-Membri tal-Kunsill wara d-diskussjonijiet li kellhom.

Il-*video conference* saret fl-24 ta' Marzu. Il-Ministru George W. Vella, fil-pożizzjoni tiegħu bħala ċ-*Chairman* tal-Kunsill, ippresieda minn Malta. Waqt din il-laqħa ġew diskussi diversi temi u bdew it-tħejjijiet għall-ħames laqgħa tal-Kunsill li kellha ssir aktar tard dik is-sena f'Malta, kif ukoll għall-Konvenzjoni tal-Maltin li Jgħixu Barra li trid issue f'April tal-2015.

Il-laqgħa tal-Kunsill inżammet f'Malta bejn it-2 u t-3 t'Ottubru 2014. Din il-laqgħa kienet preseduta mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin, l-Onorevoli George W. Vella, bl-għajnuna tal-Moderatur, Dr. Carmen Sammut, *lecturer* fl-Università ta' Malta. Fuq l-Aġenda kien hemm diversi suġġetti għad-diskussjoni. Għal xi temi partikolari milli ġew diskussi waqt din il-laqgħa ġew mistiedna ukoll interlokoturi esperti f'dak il-qasam partikulari.

Dan ir-rapport jagħti rendikont fil-qosor dwar is-suġġetti prinċipali li ġew diskussi fil-laqgħat li saru fl-2014.

### I. Passaporti bijometrici u servizzi konsulari mobbli

Il-Kunsill tenna s-sejħa tiegħu għal *roaming mobile station* – tagħmir li jista' jinġarr minn post għal ieħor biex tinġabar id-data bijometrika. Dan it-tagħmir kien intalab biex jevita l-inkonvenjent kbir għal



t + 356 2124 2191 e foreignaffairs@gov.mt | www.foreignaffairs.gov.mt

dawk il-membri tal-pubbliku li joqgħodu 'il bogħod minn ambaxxata jew konsolat.

Filwaqt li l-awtoritajiet Maltin jagħrfu li hemm dan il-bżonn, hemm numru ta' aspetti li jridu jiġu indirizzati u ostakli li jridu jingħelbu. Fost dawn, ta' min isemmi s-sigurtà tal-informazzjoni u l-ħarsien ta' data personali, l-infrastruttura teknika, l-obbligi internazzjonali u l-aspett finanzjarju. Dawn il-punti ħarġu waqt il-laqgħa tat-2 ta' Ottubru fejn il-Kunsill ingħata rapport dwar il-progress li sar s'issa mill-awtoritajiet pertinenti. Qed isir xogħol mil-lat tekniku biex jiġi assigurat li jekk sistema tinqaleb għal waħda ġdida (kif użata fit-tagħmir mobbli), dawn ikunu jaqblu bejniethom. Il-modi diversi kif dan il-qlib minn sistema għal oħra jsir qed jiġu studjati. Il-Kunsill ġie aċċertat li għalkemm dan il-proċess huwa kumplikat u ma jippermettix soluzzjoni fi żmien qasir, it-talba tal-Kunsill qed tiġi mismugħa u numru ta' soluzzjonijiet qed jiġu kkunsidrati.

## II. Karta tal-Identità

Dan is-suġġett kien ġie diskuss fl-2013 u waqt il-laqgħa ta' Ottubru 2014. Il-Kunsill ġie infurmat li l-karti tal-identità kienu se jibdew jinbidlu dik is-sena. Id-dokument tal-identità nnifsu mhux se jingħata lill-persuna kkonċernata immedjatament imma wara li jkunu saru l-verifiki kollha bħala miżura oħra ta' sigurtà. Barra minn hekk, il-Kunsilliera ġew mgħarrfa ukoll li l-indirizz li jingħata mill-persuna jrid ikun ġenwin għax fih se jintbagħat Numru ta' Identifikazzjoni Personali sigriet.

## III. Applikazzjonijiet għaċ-Ċittadinanza Maltija

Waqt il-*video conference* ta' Marzu, numru ta' Kunsilliera semmew il-fatt li applikazzjonijiet għaċ-ċittadinanza Maltija kienu qed jieħdu fit-tul. Id-Dipartiment tal-Gvern responsabbli miċ-ċittadinanza ma jaqax taħt il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin imma l-Ministeru għall-Affarijiet Barranin qed jagħmel li jista' fiċ-ċirkostanzi biex in-numru ta' applikazzjonijiet pendenti – madwar 650 dik is-sena – ikompli jonqos.

## IV. Il-Karta Ewropeja għall-Assikurazzjoni tas-Saħħa (EHIC)

Fil-*video conference* ta' Marzu tqajmet il-mistoqsija dwar jekk l-EHIC tistax tinħareġ għaċ-ċittadini Maltin li jgħixu f'komunitajiet madwar id-dinja. Billi ġie nnotat li l-EHIC mhix ikkontrollata mill-Gvern Malti u hija marbuta strettament mar-residenza fit-territorju tal-UE u l-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali fost l-oħrajn. Fid-dawl ta' dan, ġie deċiż li tajjeb wieħed jara x'isir fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi oħra tal-UE u l-parteċipazzjoni ta' Malta fil-ETTW (Europeans Throughout The World – Ewropej Madwar id-Dinja) tista' tkun siewja biex tinġabar tali informazzjoni.

## V. It-Tagħlim tal-Istorja tal-Emigrazzjoni fl-Iskejjel

Dan il-punt reġa' tqajjem din is-sena mill-Kunsill fid-diskussjonijiet li saru. Il-Ministeru tal-Edukazzjoni ġie avviċinat u l-element tal-istorja tal-emigrazzjoni minn Malta beda dieħel f'suġġetti varji tal-kurrikulu tal-Primarja u s-Sekondarja fosthom l-istudji soċjali, l-istorja, it-tagħlim tal-lingwi, l-arti u d-drama. Id-

Direttorat għall-Maltin li Jgħixu Barra Minn Malta fi ħdan il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin qed ukoll jiġi mistieden minn diversi fakultajiet fl-Università ta' Malta biex jagħti *lectures* dwar id-diaspora Maltija.

## VI. It-Tagħlim u l-Preservazzjoni tal-Lingwa Maltija

Il-kwistjoni tal-lingwa Maltija u l-ħarsien tagħha fost il-komunitajiet Maltin barra l-pajjiż tibqa' waħda importanti ħafna għall-Kunsill. Fil-laqgħa ta' Ottubru, il-Kunsill ġie infurmat li d-Dipartiment tal-Edukazzjoni kien qed iħejji programm ġdid għall-Malti u għall-barranin. Dan il-programm huwa mistenni li jkun utli għal kull min irid jitgħallem il-Malti meta dan ma tkunx l-ewwel ilsien tiegħu. Il-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Kunsill huma tal-fehma li jibqgħu għaddejjin konsultazzjonijiet bejniethom mhux biss bil-provvista ta' għalliema tal-Maltin iżda ukoll ta' riżorsi oħra u tqassim ta' prattiċi tajba.

Fil-laqgħa ta' Ottubru, tressqet mozzjoni ssejjaħ għal proġetti flimkien mal-Università ta' Malta u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti għall-preservazzjoni tal-lingwa Maltija fost komunitajiet Maltin barra minn Malta. Għal dan il-għan, il-Kunsill beda taħdidiet mal-awtoritajiet u entitajiet kompetenti f'Malta sabiex jiġu esplorati possibiltajiet ta' ħidma li tkompli tibni fuq proġetti li diġà nbeda xogħol fuqhom, l-aktar fil-qasam tal-użu tat-teknoloġija tal-informatika bħala għodda ta' tagħlim.

## VII. Sit elettroniku għall-Maltin li Jgħixu Barra

Għalkemm f'laqgħat preċedenti kien inħass il-bżonn ta' sit elettroniku tal-Kunsill, fil-laqgħa ta' din is-sena, Ottubru 2014, intwera kemm sit elettroniku speċjalizzat b'parti pubblika u oħra limitata għall-membri magħżula tkun teknikament diffiċli u tiġi tiswa wisq kemm f'finanzi kif ukoll riżorsi umani. Barra minn hekk, ġie deċiż ukoll li fiż-żminijiet ta' llum, fejn anke d-dibattiti fil-Parlament huma aċċessibbli fuq l-internet, ikun aktar effiċjenti li wieħed jikkonsulta s-siti elettroniċi tal-Gvern, tal-Parlament u oħrajn għal informazzjoni immedjata, speċjalment dik li tolqot lill-Maltin li jgħixu barra.

## VIII. Registru ta' individwi prominent u organizazzjonjiet mhux governattivi

Matul is-sena u fil-laqgħat tal-Kunsill, komplew id-diskussjonijiet dwar il-kriterji u l-proċessi li bihom Maltin prominenti li jgħixu barra minn Malta jikkwalifkaw għall-inklużjoni fir-Registru. L-istess jgħodd għar-Registru tal-Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi Maltin barra minn Malta li għad iridu jiġu identifikati.

## IX. Il-Promozzjoni tal-Kultura Maltija

Il-promozzjoni tal-kultura Maltija ġiet diskussa ħafna mill-Kunsill u t-taħdidiet komplew waqt il-laqgħa ta' Ottubru. Ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni fuq dan is-suġġett minħabba l-iżviluppi li huma mistennija jsiru l-aktar bit-twaqqif ta' Kunsill tal-Arti. Huwa mistenni li dan il-Kunsill tal-Arti jkollu Unità tal-Internazzjonalizzazzjoni (*Internationalisation Unit*) li, fost l-oħrajn, tieħu ħsieb it-tixrid tal-kultura Maltija fost il-komunitajiet barra l-pajjiż. Il-Kunsill talab li l-bżonnijiet tal-Maltin ta' barra ma jintilfux f'entità

hekk kbira bħall-Kunsill tal-Arti u tajjeb li jkun hemm persuna waħda li sservi ta' punt ta' kuntatt għall-Maltin ta' barra. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-proċess għat-twaqqif tal-Kunsill tal-Arti għadu fil-bidu tiegħu.

### X. Iż-Żgħażagħ

Il-Kunsill u Aġenzija Żgħażagħ qablu li titwaqqaf sezzjoni jew kumitat għaż-żgħażagħ Maltin li jgħixu barra minn Malta fi ħdan l-istess Aġenzija. Dan l-iżvilupp seħħ fi sfond ta' diskussjoni dwar il-ħames politika dwar iż-żgħażagħ li sa Ottubru kienet fl-istadju ta' konsultazzjoni pubblika.

### XI. Il-Vot għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta

Waqt il-laqgħa t'Ottubru li għadda, il-Kunsill kompla jiddiskuti żewġ riżoluzzjonijiet dwar id-dritt tal-vot (Annessi ma' dan ir-Rapport).

L-ewwel waħda tipproponi li l-Maltin kollha, joqgħodu fejn joqgħodu, jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew. It-tieni waħda tipproponi li jiġi estiż id-dritt tal-vot lill-iżjed kategori ta' Maltin li jgħixu barra minn Malta għall-elezzjonijiet ġenerali, lil dawk kollha li jaħdmu fis-settur pubbliku nazzjonali (direttament mal-Gvern jew m'awtoritajiet, entitajiet jew kumpanniji governattivi) u internazzjonali (bħal persuni nnominati, eletti jew impjegati m'organizzazzjonijiet inter-governattivi li tagħhom Malta hi membru) kif ukoll il-konjugi tagħhom. Tipproponi wkoll li l-perjodu kurrenti ta' tmintax-il- xahar li fuqu tiġi kkalkulata r-residenza tiġi estiza għal sitt snin.

Mozzjonijiet oħra kienu dwar il-proċeduri li jintużaw biex issir elezzjoni f'Malta: it-tneħħija tad-dokument tal-vot fl-elezzjonjonijiet tal-Parlament Ewropew, l-introduzzjoni ta' prokura biex jinġabar id-dokument tal-vot f'elezzjoni ġenerali u l-ħarsien tas-segretezza tal-vot meta tkun introdotta l-votazzjoni minn barra. Il-Kunsill m'addottax formalment dwan il-mozzjonijiet, imma qabel li il-kontenut tagħhom kien innutat fil-minuti.

Il-Kunsill tal-Maltin li jgħixu barra minn Malta qabel li dawn ir-riżoluzzjonijiet (li t-test tagħhom jidher f'Annexx Nru. 1 u 2 ma' dan ir-Rapport) għandhom jiġu ppreżentati lill-partiti politiċi.

### XII. *Leave* bla ħlas fis-servizz pubbliku Malti għal impjieg temporanju f'istituzzjonijiet tal-UE

Din il-kwistjoni, li tressqet b'mozzjoni fil-laqgħa tal-Kunsill ta' Ottubru, tolqot l-aktar lil dawk il-Maltin li telqu mis-servizz pubbliku ta' Malta biex jaħdmu temporanjament f'istituzzjonijiet tal-UE, bħalma hemm fi Brussell u l-Lussemburgu. Dan għaliex xi membri tal-komunità Maltija fl-UE qed iħossuhom żvantaġġjati minħabba r-regolamenti li hemm bħalissa fil-*Public Service Management Code* (PSMC). Din il-mozzjoni ġiet sottomessa lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku f'isem il-Maltin li jgħixu Brussell u li huma impjegati mal-istituzzjonijiet.

### XIII. Il-Bdil (jew iż-Żamma) ta' Isem u Kunjom Irreġistrat

Għalkemm dan is-suġġett jolqot lill-Maltin kollha mhux biss dawk li jgħixu barra l-pajjiż, il-Kunsill saħaq li l-Maltin ta' barra jistgħu jkunu fi żvantaġġ għax mhux dejjem ikunu konxji li jkunu saru xi tibdiliet jew żviluppi fil-Kodiċi Ċivili. Waqt id-diskussjonijiet li saru fuq dan is-suġġett fil-laqgħa ta' Ottubru, il-Kunsill wera l-fehma li għalkemm dawn il-kwistjonijiet jistgħu jidhru żgħar, fil-fatt joħolqu problemi kbar għal dawk l-individwi milquta li jkunu 'l bogħod mill-pajjiż. Il-Kunsill qabel ukoll li l-mozzjoni li tressqet fuq dan is-suġġett u li ġiet diskussa fil-laqgħa tintbagħat lid-Dipartiment konċernat bis-suġġeriment li tiġi kkunsidrata l-introduzzjoni tad-*deed poll* f'Malta.

## XIV. Is-Sigurtà Soċjali fir-rigward ta' Persuni li Jakkumpanjaw Konjugi barra minn Malta

Waħda mill-mozzjonijiet li tressqu fil-laqgħa ta' Ottubru kienet tirrigwarda l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali ta' Maltin li jħallu l-pajjiż, preċiżament in-nuqqas ta' dawn il-kontribuzzjonijiet meta ma jkunux Malta. Dawn il-perjodi ta' nuqqas ta' kontribuzzjoni jistgħu jkunu twal biżżejjed li jaffettwaw l-erbgħin sena ta' kontribuzzjonijiet meħtieġa biex wieħed jirċievi pensjoni sħiħa mal-irtirar. Il-Kunsill sostna li għal min qiegħed f'din is-sitwazzjoni jista' jkollu problemi konsiderevoli meta jasal biex jirtira. Għalhekk, il-Kunsill qabel ma' din il-mozzjoni u pproponiha lill-awtoritajiet tal-Gvern kompetenti.

## XV. *Modus operandi* tal-Kunsill b'viżjoni għall-futur

Il-laqgħa tal-Kunsill ta' Ottubru bdiet b'emfasi fuq il-ħtieġa li tiġi żviluppata *road map* għar-relazzjonijiet bejn id-diaspora u l-Gvern Malti. Intlaħaq qbil fil-Kunsill li jsir studju dwar ir-relazzjonijiet li d-diaspora Maltija kellha u għandha mal-pajjiż tal-oriġini, u kif dawn ir-relazzjonijiet evolvew matul is-snin. Għal dan il-għan id-Direttorat għall-Maltin li Jgħixu Barra u l-membri tal-Kunsill se jidentifikaw il-persuni u l-proċeduri meħtieġa biex isir dan l-istudju.

Barra minn hekk, ta' min jinnota li l-Presidenza tal-Latvja tal-UE fl-ewwel nofs tal-2015 se tibda l-politika tad-diaspora tal-Unjoni Ewropea.

F'diskussjoni relatata, il-Kunsill wera x-xewqa li l-Att XX tal-2011 jiġi revedut biex jitħaffef u jiġi ssimplifikat. Għalhekk inbeda skambju ta' ideat bejn il-Kunsilliera – inizjalment b'mod informali – biex jitfasslu emendi li jistgħu jsiru. Huwa mifhum li emendi bħal dawn jiddaħħlu permezz ta' avviż legali.

Huwa mistenni li kull deċiżjoni li tittieħed fil-laqgħat li ġejjin ikollha s-sid tagħha, jiġifieri persuna, persuni jew entità li jieħu responsabbiltà tal-azzjoni li trid tittieħed u jara li tintemm fiż-żmien definit.

## XVI. Konvenzjoni 2015 tal-Maltin li jgħixu Barra

Il-preparamenti għall-Konvenzjoni tal-Maltin li Jgħixu Barra tkomplew bla heda matul din is-sena. Il-Konvenzjoni, li se ssir f'April 2015, se tiffoka fuq 'Perspettivi Ġodda'. Il-kumitat magħmul biex jorganizza din il-Konvenzjoni ltaqa' kemm-il darba, l-aktar fuq il-preparamenti loġistiċi.

It-tħejjijiet għall-Konvenzjoni ġew diskussi fid-dettall waqt il-*video conference* li saret f'Marzu. Fil-

laqgħa ta' Ottubru, ġie deċiż li, apparti mill-preżentazzjonijiet u taħdidiet fil-plenarja tal-Konvenzjoni u l-*workshops*, ikun hemm ukoll simpożju tal-letteratura u wirja tal-arti. Dawn iż-żewġ attivitajiet għandhom iservu ta' vetrina għat-talent Malti ta' barra.

Diġà nħatar kumitat taħt id-direzzjoni tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin li jinkuldi fih ukoll rappreżentant mill-Kunsill fir-rwol ta' *focal point*, li flimkien ma' rappreżentanti mit-tliet regjuni (l-Awstralja, l-Ewropa u l-Amerika) jiġbor ix-xewqat i l-ideat tal-komunitajiet Maltin li jgħixu barra minn Malta biex jingħata bidu għall-organizazzjoni ta' din il-Konvenzjoni.

Matul il-laqgħa ta' Ottubru, ġie deċiż ukoll li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill tal-Maltin li Jgħixu Barra ssir eżatt wara il-Konvenzjoni, jiġifieri f'April minflok Ottubru.

## XVII. Tibdil fil-Membri tal-Kunsill

Matul is-sena 2014, waqt li s-Segretarja tal-Kunsill, is-Sinjura Maria Calleja, kienet bil-*leave,* id-doveri ta' Segretarja tal-Kunsill *ad interim* għaddew f'idejn is-Sinjorina Rozlyn Scerri, *First Secretary* fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin. Is-Sinjura Maria Calleja reġgħet lura fil-pożizzjoni ta' segretarja f'Novembru 2014.

Barra minn hekk, kien hemm ukoll ir-riżenja (għall-raġunijiet personali) tas-Sur Joseph Muscat, Membru tal-Kunsill.

Marzu 2015

**Anness Nru. 1**

**Rakkomandazzjoni dwar l-għoti tad-dritt tal-vot lill-Maltin li jgħixu barra minn Malta fl-elezzjonijiet f'Malta għall-Parlament Ewropew**

Il-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta,

JINNOTA li l-artiklu 20A tal-Kostituzzjoni ta' Malta jistabbilixxi l-prinċipju li l-Istat "għandu jiffaċilita s-sehem taċ-ċittadini Maltin li jgħixu barra minn Malta fil-ħajja politika, soċjali, ekonomika u kulturali ta' Malta".

JINNOTA li l-artikolu 10 tal-Att dwar Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew (Kap. 467) jagħti l-jedd li jivvutaw f'elezzjoni f'Malta għall-Parlament Ewropew lil dawk li isimhom jidher fir-Reġistru Elettorali pubblikat skont id-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap. 354) jew fir-Reġistru Elettorali tal-Unjoni Ewropea ppubblikat skont id-dispożizzjonijiet tal-istess Kap. 467.

JINNOTA li minħabba li ż-żewġ Reġistri huma bbażati fuq il-kriterju ta' residenza f'paragrafu (c) tal-artikolu 57 tal-Kostituzzjoni dan jeskludi miż-żewġ Reġistri lill-biċċa l-kbira tal-Maltin li jgħixu barra minn Malta.

JIKKUNSIDRA li hemm rabta fundamentali bejn iċ-ċittadinanza u d-dritt tal-vot.

JIKKUNSIDRA li l-biċċa l-kbira tal-argumenti politiċi li soltu jsiru kontra li Maltin li jgħixu barra minn Malta jitħallew jivvutaw f'elezzjoni ġenerali, mingħajr ma jidħol fil-mertu ta' dawn l-argumenti, ma japplikawx jew japplikaw ħafna inqas f'każ li dawn il-Maltin jitħallew jivvutaw f'elezzjoni għall-Parlament Ewropew.

JIKKUNSIDRA li, f'termini prattiċi, elezzjoni għall-Parlament Ewropew tippreżenta anqas diffikultajiet fosthom data tal-elezzjoni ġeneralment fissa u kostitwenza elettorali waħda għal Malta kollha.

JINNOTA li l-estensjoni tad-dritt tal-vot f'dawn l-elezzjonijiet huwa permess mit-Trattati u l-leġiżlazzjoni Ewropea tant li, minbarra Malta, huma biss iċ-ċittadini espatrijati ta' Ċipru, l-Irlanda, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovakkia u r-Renju Unit li ma jitħallewx jivvutaw jew jiġu esklużi wara perjodu barra l-pajjiż mill-elezzjonijiet Ewropej fil-pajjiż taċ-ċittadinanza tagħhom.

JINNOTA li l-artikolu 3(h) tal-Att dwar Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta (Kap. 515) jagħti bħala funzjoni tal-Kunsill li jagħmel proposti, suġġerimenti jew rakkomandazzjoni dwar miżuri leġislattivi jew amministrattivi li jolqtu d-drittijiet u l-interessi tal-Maltin li jkunu jgħixu barra minn Malta.

JIRRAKKOMANDA li jsir provvediment fl-Att dwar Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew (Kap. 467) biex persuni li isimhom ma jidhirx fir-Reġistru Elettorali għax ma jissodisfawx biss il-paragrafu (c) tal-artikolu 57 tal-Kostituzzjoni, ikun jistgħu jitolbu li jkunu iskritti bħala eletturi eliġibbli għal elezzjoni għall-Parlament Ewropew.

Valletta, 3 t'Ottubru 2014.

**Anness Nru. 2**

**Rakkomandazzjoni dwar l-estensjoni tad-dritt tal-vot għal kategoriji ta' Maltin ta' barra f'elezzjonijiet ġenerali**

Il-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta,

JINNOTA li l-paragrafu (c) tal-artikolu 57 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jirrikkjedi, bħala kwalifika għal elettur f'elezzjoni tal-Kamra tar-Rappreżentanti, residenza f'Malta ta' mhux anqas minn sitt xhur f'perjodu ta' tmintax-il xahar filwaqt li jagħmel eċċezzjonijiet għal din il-klawsola fil-każ t'uffiċjali pubbliċi u membri ta' korpi ddixxiplinati.

JINNOTA li l-kwalifika ta' residenza, għalkemm m'hix unika, hija waħda mill-aktar ristretti fost l-Istati Membri tal-UE.

JIKKUNSIDRA li hemm rabta fundamentali bejn iċ-ċittadinanza u d-dritt tal-vot.

JIKKUNSIDRA li f'pajjiż b'elettorat żgħir bħalma hu Malta, b'tendenza ta' differenza żgħira ta' voti li jistgħu jagħmlu differenza kbira fir-riżultat elettorali, ikun tajjeb illi żviluppi f'dan il-qasam tant sensittiv isiru b'mod gradwali u bi qbil, kemm jista' jkun, ġenerali.

JIKKUNSIDRA li jkun prudenti, fiċ-ċirkustanzi, li l-perjodu li fih tiġi kkalkulata r-residenza u l-eċċezzjonijiet jiżdiedu.

JIKKUNSIDRA li, in vista tal-fatt li l-perjodi massimi minn elezzjoni sal-ftuħ tal-Parlament, sax-xoljiment tal-Parlament u sas-sejħa t'elezzjoni (xharejn, ħames snin u tlett xhur rispettivament) flimkien mal-perjodu minimu ta' residenza (sitt xhur) jammontaw għal, bejn wieħed u ieħor, sitt snin, dan jista' jittieħed bħala l-perjodu li fuqu tiġi kkalkulata s-sitt xhur residenza minima.

JIKKUNSIDRA li l-eċċezzjoni għandhom, mill-inqas, jinkludu wkoll Maltin li jagħmlu kwalunkwe xogħol fis-settur pubbliku nazzjonali u internazzjonali kif ukoll il-konjugi tagħhom.

JINNOTA li l-artiklu 20A tal-Kostituzzjoni ta' Malta jistabbilixxi l-prinċipju li l-Istat "għandu jiffaċilita s-sehem taċ-ċittadini Maltin li jgħixu barra minn Malta fil-ħajja politika, soċjali, ekonomika u kulturali ta' Malta".

JINNOTA li l-artikolu 3(h) tal-Att dwar Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta (Kap. 515) jagħti bħala funzjoni tal-Kunsill li jagħmel proposti, suġġerimenti jew rakkomandazzjoni dwar miżuri leġislattivi jew amministrattivi li jolqtu d-drittijiet u l-interessi tal-Maltin li jkunu jgħixu barra minn Malta.

JIRRAKKOMANDA li l-paragrafu (c) tal-artikolu 57 tal-Kostituzzjoni ta' Malta għandu jiġi emendat biex il-perjodu ta' referenza li fih jiġu kkalkulati s-sitt xhur residenza jiżdied mit-tmintax-il xahar kurrenti għal, mill-inqas, sitt snin.

JIRRAKKOMANDA li, fl-istess paragrafu, jiżdiedu l-kategoriji t'eċċezzjonijiet li hemm għall-kwalifika ta' residenza biex jinkludu, fost l-oħrajn, persuni li jagħmlu xogħol fis-settur pubbliku nazzjonali (direttament mal-Gvern jew m'awtoritajiet, entitajiet jew kumpanniji governattivi) u internazzjonali (bħal persuni nnominati, eletti jew impjegati m'organizzazzjonijiet inter-governattivi li tagħhom Malta hi membru) kif ukoll il-konjugi tagħhom.

Valletta, 3 t'Ottubru 2014.